ta' kulħadd dawn is-sottoskrizzjonijiet qabżu l-15,000 li konna se nistampaw. Għalhekk kellna nirduppjaw in-numru għal 30,000. Dan ħolqilna xi diffikultajiet li rnexxielna negħelbu wkoll, għalkemm ikkaġunnawlna dewmien fid-distribuzzjoni. Dan kollu juri l-interess u l-għatx tal-poplu Malti għall-Bibbja.

*Il-Finanzi*

Kuntrarjament għal dak li kienu jaħsbu xi wħud, il-finanzi qatt ma fixkluna; jekk domna naħdmu daqshekk, ir-raġuni hi l-ftit li konna, kellna xogħol ieħor, xejn inqas meħtieġ ma' xiex inlaħħqu. Ngħidha mill-ewwel: it-tradutturi qatt ma ħadu xejn, iżda kellna xi spejjeż għax-xogħol segretarjali u għall-ittajpjar. Għal din il-Kurja kienet selfitna Lm1,000, li mbagħad din is-somma nbiddlet f'donazzjoni; u Lm100 oħra mill-Kurja ta' Għawdex. Mill-Kapitlu tal-Kattidral kellna diversi donazzjonijiet ta' Lm120 kull sena għal xi 5 snin; ma' dawn inżidu l-kontribuzzjonijiet tal-Parroċċi fil-Jum Bibbliku ta' kull sena u xi ħaġa oħra mill-Kummissjoni Liturġika. Il-Kapital meħtieġ għall-pubblikazzjoni tas-Salmi (Lm600) u tal-Vanġeli (Lm1,000) tat-Testment il-Ġdid (l-ewwel edizzjoni) Lm7,000, kollha ġew mill-Kurja, b'donazzjoni jew self nominali. Il-Kurja ħallset l-ittajpjar (Lm500) ta' l-aħħar tajpskript tal-Bibbja, u ħarġet kapital ta' 'l fuq minn Lm70,000 għall-istampar definittiv tal-Bibbja Sħiħa. Kellna wkoll kontribuzzjoni mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali ta' Lm200. Ma' dawn inżidu bil-pjaċir kollu li fi spirtu Ekumeniku ġie li rċevejna minn *St. Paul's Anglican Cathedral* u *St. Andrew Scotch Church* f'xi okkażżjonijiet speċjali, u l-*British & Foreign Bible Society* ta' Londra ikkontribwiet Lm100 għall-istampar tal-Vanġelu ta' San Mark.

Kellna wkoll kontribuzzjoni ta' xi Lm1,500 mill-pubbliku inklużi xi korpi kostitwiti bħall-*Council of Women of Malta* wara appell ġenerali għall-pubblikazzjoni tat-Testment il-Ġdid, l-ewwel edizzjoni. Kellna wkoll xi kontribuzzjonijiet minn persuni privati.

Dawn il-fondi servewna biex laħħaqna ma' l-ispejjeż tal-preparazzjoni għall-istampa u l-istess stampar tal-volumi li semmejna u xi ħidma ta' pastorali Bibblika. Jispjega wkoll il-prezz moderat ta' kull ma stampajna s'issa.

F'ismi u f'isem sħabi rrid nirringrazzja lill-korpi kostitwiti u l-pubbliku ġenerali u dawn il-persuni privati li semmejna, li għenuna bix-xogħol u l-pariri.

*Inħarsu 'l quddiem*

Hekk temmejna din il-ħarsa fuq fuq, dwar l-istorja tal-Bibbja Maltija f'dawn l-aħħar 160 sena; xogħol li mexa id f'id ma' l-iżvilupp tal-Malti bħala lsien miktub u l-bżonnijiet pastorali tal-Knisja. Ix-xogħol tagħna hu t-tmiem ta' dan il-proċess. Inħallu għall-ġudizzju ġeneruż tagħkom dwar il-kwalità u l-valur tiegħu. U hawn jiġi f'moħħi



l-kliem tat-traduttur tal-Għerf ta' Gesù Bin Sirak meta kiteb:

*"Intom mitlubin għalhekk li taqraw kollox b'rieda tajba u b'attenzjoni, u tagħdruna fejn ma kellniex ħila naqilbu xi kliem, minkejja li għamilna l-almu kollu tagħna fit-traduzzjoni."* jew fil-kliem ta' l-awtur tat-tieni ktieb tal-Makkabin dwar l-opra tiegħu:

*"Jekk inti miktuba tajjeb u mqassma bis-sengħa, dan li kont nixtieq; jekk ħarġet kajmana, u nofs kedda, dan li stajt nagħmel. Għaliex bħalma mhux tajjeb tixrob inbid waħdu jew ilma waħdu... hekk is-sengħa li tinseġ sewwa l-ġrajja tpaxxi 'l-widnejn ta' min se jaqra l-istorja u hawn hu t-tmiem."*

Għall-awtur tal-Makkabin kien it-tmiem; għalina hu tmiem ukoll, imma fl-istess ħin il-bidu ta' ħidma pastorali Bibblika ġdida issa li għandna l-għodda fundamentali għal din il-ħidma.

Ma fadallix ħaġa oħra ħlief nirringrazzja lil kulħadd li għenna f'din il-ħidma matul dawn is-snin kollha, speċjalment lit-tradutturi li taw il-ħin, l-enerġija u t-talent tagħhom b'sens ta' sagrifiċċju tagħhom infushom; lil dawk li għenuna bil-mezzi materjali speċjalment l-Isqfijiet tal-Provinċja Maltija u lil dawk li privatament jew pubblikament fl-istampa kienu jagħmlulna l-qalb, għalkemm xi stonatura ma kinetx tonqos; imma anki din kienet timbuttana aktar 'il quddiem. Grazzi lilkom li għoġobkom tonorawna bil-preżenza tagħkom hawn il-lejla.

Jalla dan ix-xogħol fqajjar tagħna jservi għall-glorja ta' Alla u għall-ġid spiritwali ta' kulħadd.

**Mons Karm Sant**

**L-AKKADEMJA**

**qiegħda thejji numru speċjali ta'**

***IL-MALTI***

**dwar**

**Anton Buttigieg**